Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.10220 — TPG CAPITAL/AT&T/AT&T US VIDEO BUSINESS)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2021/C 133/11)

1. Fis-7 ta' April 2021, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 [1].

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— TPG Capital ("TPG", l-Istati Uniti tal-Amerka),

— AT&T Inc. ("AT&T", l-Istati Uniti tal-Amerka),

— in-negozju tal-videos ta' AT&T fl-Istati Uniti tal-Amerka (l-Istati Uniti tal-Amerka).

TPG u AT&T jakkwistaw, fis-sens tal-Artikoli 3(1)(b) u 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll bi sħab tan-negozju tal-videos ta' AT&T fl-Istati Uniti tal-Amerka.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma f'kumpanija maħluqa ġdida li tikkostitwixxi f'impriża bi sħab (joint venture, JV).

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— TPG: ditta ta' investiment privat li tiġġestixxi familja ta' fondi, li tinvesti f'varjetà ta' kumpaniji madwar id-dinja permezz ta' akkwisti u ristrutturar korporattiv,

— AT&T: tforni servizzi ta' telekmunikazzjonijiet, tal-media u tat-teknoloġija. AT&T bħalissa hija proprjetarja tan-negozju tal-videos tal-AT&T fl-Istati Uniti tal-Amerka,

— in-negozju tal-videos tal-AT&T fl-Istati Uniti tal-Amerka: iforni servizzi ta' xandir dirett bis-satellita, servizzi ta' multikanali televiżivi u servizzi tal-video diġitali lil klijenti fl-Istati Uniti tal-Amerka. In-negozju tal-videos tal-AT&T fl-Istati Uniti tal-Amerka jbigħ ukoll riklamar fuq il-pjattaform tiegħu tad-distribuzzjoni.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura ssimplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 [2] jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.10220 — TPG CAPITAL/AT&T/AT&T US VIDEO BUSINESS

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

[1] ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
[2] ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles / Brussel
BELGIQUE / BELGIË